**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 13 ta' Novembru, 2020**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**(Spettur Keith Arnaud)**

**vs**

**Aaron Cassar**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Aaron Cassar detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 137880M akkuzat talli fit-8 ta' Jannar, 2018 ghal-habta tal-hdax u nofs ta' filghodu (11:30hrs) gewwa Triq ir-Repubblika fil-Belt Valletta u/jew f' inhawi ohra f' dawn il-gzejjer;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Deniro Magri f' periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Deniro Magri li huwa meqjus bhala persuna xhud f' kawza fil-Qorti;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti, b' digriet datat 5 ta' Lulju, 2017 mill-Onor Imhallef Dott Edwina Grima LL.D, li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku;
4. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b' sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali tas-27 ta' Marzu, 2019 (inserita a fol. 277 tal-atti processwali) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub:

a) Fl-artikoli 214, 215, 218 u 221(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) Fl-artikoli 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li waqt l-udjenza tat-28 ta' Gunju, 2019 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti speci ta' dan il-kaz jitrattaw glieda li sehhet fit-8 ta' Jannar 2018 gewwa Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta. Dakinhar tal-glieda, l-imputat kien imsejjah jixhed f' nofsinhar fl-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet Il-Pulizija vs Deniro Magri. Ghall-habta tal-11.30am waqt li kien miexi lejn il-Qorti ltaqa ma' Deniro Magri u sehhet il-glieda. Deniro Magri sofra ksur f' siequ u daqqiet f' wiccu filwaqt li l-imputat kellu griehi ma' wiccu, f' ghajnejh u gidma f' idejh ix-xellugija. L-Ispettur Keith Arnaud xehed fl-udjenza tas-16 ta' Jannar 2017 (a fol 10 sa 22 tal-atti processwali) fejn spjega li l-imputat u Deniro Magri kienu jafu lil xulxin ghaliex ghal habta ta' Frar 2018 persuna mhux maghrufa ppruvat tahraq il-bieb tar-residenza ta' Deniro Magri. Matul dan l-incident inqatel persuna minn Deniro Magri. L-imputat odjern tressaq bhala wiehed mill-persuni li allegatament pruvaw jaharqu l-bieb ta' Deniro Magri. L-ispettur Arnaud

ottjena diversi CCTV footages mehuda mill-cameras ta' hwienet u stabbilimenti li jinsabu fi Triq ir-Repubblika li gew esebiti bhala KA2 sa KA7 u stills taghhom esebiti bhala K2A sa K7A[1]. Mill-filmati esebiti ma jidhirx min ta l-ewwel daqqa izda mis-CCTV KA6 tidher id Deniro Magri ixxejjer daqqa ta' ponn. Diversi xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni, inkluz familjari ta' Deniro Magri, xehdu li ma rawx min ta l-ewwel daqqa.

In kwantu ghall-griehi sofferti, skont il-case summary ta' Deniro Magri (Dok. KA9 a fol 94 sa 95 tal-atti processwali) kif ukoll mix-xhieda ta' Dr Ivan Esposito moghtija fl-udjenza tat-13 ta' April 2018 (a fol 176 sa 179 tal-atti processwali) Deniro Magri sofra ksur tal-ghaksa x-xellugija u kellu bzonn intervent mediku. Fl-udjenza tat-12 ta' Marzu 2019 xehed l-espert ortopediku nominat minn din il-Qorti Mark Portelli (a fol 266 sa 272 tal-atti processwali) li ezamina lil Deniro Magri disa' xhur wara l-incident u kkonstata li dan kien ghad ghandu ugiegh f' partijiet tal-ghaksa u stqarr li jista' jkun il-kaz li fil-futur Deniro Magri jkollu bzonn intervent iehor biex titnaddaf l-ghaksa minn gewwa. Ikkonferma li l-ksur sofferti minn Deniro Magri huwa kompatibbli ma' daqqiet diretti fuq l-ghaksa u anke ma' riwi hazin tal-ghaksa li kkaguna debilita' permanenti.

Fl-udjenza tal-9 ta' Marzu 2018 gew esebiti kopja tal-imputazzjonijiet mahruga fil-konfront tal-imputat fl-atti tal-kumpilazzjoni 129/2017 u kopja tal-imputazzjonijiet mahruga fil-konfront ta' Deniro Magri fl-atti tal-kumpilazzjoni 71/2017.

[1] Kopja tar-rapport tinsab esebita bhala Dok. SG1 a fol 187 sa 190 tal-atti processwali

Deniro Magri xehed fl-udjenza tas-7 ta' Dicembru 2018 (a fol 244 sa 251 tal-atti processwali) fejn qal li l-imputat mar fuqu u qallu minn taht l-ilsien li kien ghadu ma helisiex, bdew jargumentaw u gew fl-idejn. Rizultat tal-glieda sofra ksur f' siequ u dam madwar xahar u nofs biex fieq izda ghadu ma giex kif kien qabel. Huwa ma kienx jaf jispjega kif garrab il-griehi peress li kienu qed jiggieldu.

Fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2020 giet esebita vera kopja ta' referral ticket tal-imputat, certifikat tal-feriti li sofra dakinhar tal-glieda fejn il-griehi tieghu gew klassifikati bhala hfief salv kumplikazzjonijiet. Giet esebita wkoll ix-xhieda moghtija minn Dr Anna Micallef fil-proceduri Il-Pulizija vs Deniro Magri fit-13 ta' Marzu 2018 (Dok. R1 sa R3 a fol 288 sa 292 tal-atti processwali).

L-imputat ghazel li ma jixhidx f' dawn il-proceduri izda irrilaxxja stqarrija fit-8 ta' Jannar 2018 (a fol 24 sa 25 tal-atti processwali) fejn stqarr li Deniro Magri mar fuqu u tah daqqa ta' ponn fuq wara ta' rasu, waqa mal-art u beda jdahhal subghajh f' ghajnejn l-imputat. L-imputat qabad jaghti lil Deniro Magri ghaliex ma kellux alternattiva ohra. Cahad li kiser sieq Deniro Magri izda spjega li dan seta' kisirha meta l-istess Deniro Magri waqa' mal-art.

Ai fini tar-recidiva giet esebita s-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Aaron Cassar (Dok. JS1 a fol 127 sa 133 tal-atti processwali). L-Ispettur Ramon Cassar ikkonferma (a fol 230 sa 231 tal-atti processwali) li din hija s-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat u li huwa kien l-ufficjal prosekutur.

Ikkunsidrat:

Illi l-Avukat Generali ndika li fil-kaz odjern tista' tinstab htija taht l-Artikoli 214, 215 u 218 tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 214 jipprovdi:-

> Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f' periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f' moħħha, ikun ħati ta'offiża fuq il-persuna.

Illi f' dan il-kaz l-imputat qed jeccepixxi li huwa agixxa in legittima difesa u dan wara li kien l-allegat vittma Deniro Magri li beda lglieda u attakkah. Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni effettivament ma jirizulta minn imkien li kien l-imputat Aron Cassar li ta l-ewwel daqqa u li beda l-glieda. L-istills u c-cctv footage esebtiti mill-Prosekuzzjoni jikkorroboraw dak li sostna l-imputat a tempo vergine meta rrilaxxja l-istqarrija u cioe' li kien Deniro Magri li mar ghal nofs it-triq meta rah ghaddej u mbaghad agredih minn wara u li huwa ddefenda lilu nnifsu. Din il-Qorti jidrilha li l-verzjoni moghtija mill-imputat fl-istqarrija tieghu ghandha aktar mis-sewwa. Filwaqt li Deniro Magri jghid li l-imputat mar fuqu u provokah bil-kliem, ma giex spjegat kif mill-filmati esebiti jidher Deniro Magri miexi mal-imputat. Gja la darba jidher Deniro Magri miexi mal-imputat fid-direzzjoni li kien miexi fiha l-imputat qabel ma ltaqghu jaghti x' jifhem li kien Deniro Magri li mar fuq l-imputat. Dan jaqbel mal-istqarrija tal-imputat. Inoltre mis-CCTV KA6 giet identifikata id Deniro Magri li qed tidher ixxejjer daqqa ta' ponn. Fid-dawl ta' dak li ghadu kif inghad kif ukoll fin-nuqqas ta' provi, il-Qorti tqis li ma kienx l-imputat li beda l-glieda.

F' dan il-kaz id-Difiza ssostni li l-imputat agixxa in legittima difesa. In kwantu għall-griehi sofferti minn Deniro Magri kienu konsistenti fi ksur fl-ghaksa u xi griehi f' wiccu. Dwar il-griehi fil-wicc ma ngabet l-ebda prova filwaqt li dwar il-ksur tal-ghaksa, Deniro Magri stess xehed li ma jafx jispjega kif garrab il-griehi peress li kienu qeghdin jiggieldu. Fl-istqarrija tieghu l-imputat cahad li kkaguna l-ksur u jghid li Deniro Magri seta' kiser l-ghaksa meta waqa mal-art. Dan jaqbel max-xhieda tal-espert Mark Portelli li qal li l-ksur setgha kien rizultat ta' riwi hazin tal-ghaksa. Fil-fehma tal-Qorti l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li huwa rreagixxa ghal aggressjoni reali, istantanja u b'mod proporzjonat. Fic-cirkostanzi, fejn anke l-parti civili ma provdiex spjegazzjoni ta' x'wassal ghall-ksur tal-ghaksa, ma jistax jitqies li tirrizulta r-rejita' fil-konfronti tal-imputat in kwantu jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni.

In kwantu ghat-tieni mputazzjoni u cjoe il-ksur tal-kundizzjonijiet imposti fuq l-imputat permezz tad-digriet tal-5 ta' Lulju 2017 (Dok. KA8 a fol 88 sa 90 tal-atti processwali) li permezz tieghu inghata l-helsien mill-arrest, l-imputat gie marbut b'diversi obbligazzjonijiet fosthom li ma jkellimx u ma javvicinax la direttament u anqas indirettament lix-xhieda tal-prosekuzzjoni[2] u li ma jikkommettiex delitt ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest[3]. Filwaqt li ma ngabitx prova li Deniro Magri kien wiehed mix-xhieda tal-prosekuzzjoni, fil-fehma tal-Qorti kien Deniro Magri li avvicina lill-imputat. Dwar ir-raba' obbligazzjoni, gja la darba ser jigi liberat minn mill-ewwel imputazzjoni, ma jissussistix il-ksur ta' din l-obbligazzjoni.

[2] Obbligazzjoni numru 3 tad-digriet
[3] Obbligazzjoni numru 4 tad-digriet

Permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat talli kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku taht l-Artikolu 338(dd). Rigward din l-imputazzjoni, ta' 'breach of the peace' gie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tieghu 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk:

> 'Because of the association between 'peace' and 'quiet', there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is 'any behaviour that disturbed or tended to disturb the tranquillity of the citizenry'. But if any legal expression is a term of art, breach of the peace is one of them. Recently the courts have refined the concept, and established very clearly that it is allied to harm, actual or prospective, against persons or property. The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell …. Watkins L.J. said: '…. Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done' (p.182).

Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bhala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f' mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita` fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita` ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.

Naturalment dawn ic-cirkostanzi jridu jkunu tali li oggettivament inisslu l-imsemmi inkwiet jew thassib."[4]

Mill-provi prodotti ma jirrizultax jekk il-glieda holqitx inkwiet jew thassib f' terzi persuni dwar l-inkolumita` fizika persunthom jew ta' proprjeta` taghhom. Fin-nuqqas ta' provi l-imputat ser jigi liberat ukoll minn din l-imputazzjoni.

Gja la darba l-imputat ser jigi liberat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, lanqas ma tirrizulta r-recediva.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur

[4] Ara wkoll Appelli Kriminali: Il-Pulizija v. Alfred Pisani, 5 ta' Mejju 1995; Il-Pulizija v. Pio Galea, 17 ta' Ottubru 1997; Il-Pulizija v. Andrea Galea et, 30 ta' Gunju 1998